MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 338/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daryl Borg)**
**Vs**
**James Ernest Collings**
**Angela Collings**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [James Ernest Collings ID no. 718039(M) u l-appellanti Angela Collings ID no. 778435(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' April, 2012 u fil-granet ta' wara f'dawn il-Gzejjer

1. bhala l-persuni responsabli mill-fond 167 Triq Atocia, Hamrun, minghajr il-permess tal-Awtorita` u, jew il-licenzja tal-Kunsill Lokali relattiv, bnew jew ghamlu ebda haga fit-toroq li tista` ggib xkiel jew perikolu jew inkomdu lill-pubbliku, inkella hallew, wara li gew imwissija mill-Pulizija jew minn Gwardjan Lokali, bini jew opri ohra fi stat ta' tigrif jew ta' perikolu ghan-nies jew hwejjeg haddiehor u

dan bi ksur tar-Regolament 38 tal-Avviz Legali 29 tal-2010;
2. talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-Awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtux jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunx jaqghu that disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hi mitluba li f'kaz ta' kundanna anke jekk tkun tat xi piena lil min jaghmel ir-reat, tordnalhom it-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew skond ic-cirkostanzi, li jikkonformaw ruhom mal-ligi, fi zmien bizzejjed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz iktar minn tlett xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit mill-Qorti, u jekk min jaghmel ir-reat, jonqos li jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit, jkunu hatja ta' reat, u jehlu meta jinstabu hatja ammenda ta' mhux inqas minn €4.66 u mhux izjed minn €23.29 ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien u dan ta' ksur ta' l-artikolu 377(3) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi mitluba ukoll fuq rikors f'dak is-sens mill-Pulizija f'kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta' reat f'kaz ta' raguni li tinholoq wara jew f'kull kaz iehor, wara li jghaddi z-zmien moghti mill-Qorti skond is-subartikolu (3) jew (4), t'awtorizza lill-Pulizija biex tnehhi kull disordni jew inkonvenjent li ghalih ikun jirreferixxi r-reat, ghas-spejjes tal-hatja, f'liema kaz il-hatja jistghu jigu mgieghla ihallsu l-ispiza b'mandat mahrug mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 377(5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Gunju 2012, li biha, in vista li l-ewwel akkuza ma rrizultatx mill-provi prodotti izda irrizultat b'mod car it-tieni akkuza, illiberathom mill-ewwel

akkuza izda sabithom hatja tat-tieni akkuza skond l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ikkundannathom canfira waqt li ordnat li jnehhu l-perikolu kif rizultanti mill-imsemmija relazzjoni sa zmien gimghatejn taht penali ta’ €10 kull jum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant James Ernest Colings li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u taghti perjodu itwal sabiex l-esponenti jkun jista` jaghmel l-arrangamenti ghal permessi necessarji skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Angela  Colings li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma in kwantu li lliberat lill-appellanti mill-ewwel akkuza migjuba kontra taghha, tirrevokaha in kwantu li sabitha hatja tat-tieni akkuza kif migjuba kontriha u konsegwentement tilliberaha minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din l-Opnorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti titlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant James Ernest Collings jikkonsisti illi b’dina s-sentenza qeghdin jigu mgieghla jnehhu l-periklu fi zmien gimghatejn u jhallsu penali ta’ €10 kull jum fin-nuqqas meta huma m’ghandhomx fondi minn fejn ihallsu l-penali.  Illi dan l-perjodu huwa qasir wisq stante li sabiex jaghmlu l-arrangamenti ghax-xogholijiet necessarji ghandhom bzonn permessi tal-awtoritajiet u dawna l-permessi jiehdu aktar minn gimghatejn u barra minn hekk l-esponenti qieghed f’qaghda finanzjarja prekarja.

Rat illi l-aggravji tal-appellanta Angela Collings jikkonsistu fis-segwenti :

1. Illi l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza li l-appellanta ma tghix fil-post mertu tal-kawza in kwistjoni u lanqas ghandha access ghall-imsemmi post peress li dan huwa

uzat esklussivament mir-ragel taghha. L-istess ragel taghha ilu ghal zmien twil juza l-post u qatt ma ghamel tiswijiet jew manutenzjoni fl-istess post ghalkemm jghix go fih. Isegwi li r-responsabiltajiet huma imputabbli esklussivament lilu;

2. Illi fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza li l-istess Perit mahtur minnha qal li biex tigi regolarizzata l-posizzjoni u konsegwentement jitnehha l-periklu hemm bzonn li jinbidel is-saqaf. Illi ghalhekk isegwi li hemm bzonn li jigi inkarigat Perit biex jaghmel il-pjanti u/jew kalkoli ghax-xoghol li hemm bzonn, kif ukoll jara li l-permessi huma regolari, kif ukoll li jigi ingaggat bennej biex jaghmel tali xoghol, kif ukoll li tali xoghol isir. Illi dan jirrikjedi perjodu ta’ zmien li zgur ser jeccedi z-zmien prefissat mill-Ewwel Qorti li mponiet penali ta’ €10 kull jum fin-nuqqas, liema penali mhumiex gusti u reali fid-dawl tad-diffikultajiet logistici li hemm;

3. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta’ Cesare Beccaria :

*“...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso ......”*

l-appellanta tixtieq li bl-akbar umilta tissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat l-affidavit ta’ WPC 224 S.Mifsud li jikkonferma li ċerta Dolores Anna Zahra kienet irraportat li fuq il-ħanut tagħha kien hemm residenza li s-sid tagħha kien James Ernest Collings, liema residenza kienet fi stat perikoluż. Difatti kienet semgħet ħoss qawwi u wiħed mix-xorok tagħha kellu krekkjatura friska.

James Ernest Collings kien ikkonferma li waqgħu xi xorok. Huwa kellu bżonn min jgħinu jirranġa d-dar tiegħu.

F’affidavit ieħor WPC 224 S.Mifsud qalet li kienet kellmet lill-Head of Social Work Unit fid-Dipartiment għall-Anzjani. Din tal-aħħar infurmata li kienet ser tikkuntattja lis-social worker Joseph Scerri rigward dan il-każ. James Ernest Collings ma kien sab ebda oġġezzjoni li jmur il-perit tal-gvern.

Mit-tielet affidavit ta’ WPC 224 S.Mifsud, jirriżulta li sar kuntatt ma’ Marthese Zammit fejn din tal-aħħar qalet li onnha, Angela Collings, kienet tgħix magħha.

Il-Perit Godfrey Vella kkonferma li spezzjona l-post u stabilixxa li l-kantuniera kienet ta’ perikolu għall-pubbliku u għall-vetturi. Ara document a fol 9).

Meta WPC 224 S.Mifsud marret fuq il-post fit-13 ta’ Mejju 2012, irriżulta li x-xogħol ta’ tiswija kien għadu ma sarx.
Il-Qorti tal-Maġistrati nnominat lill-Perit Valerio Schembri sabiex jaċċedi minnufih fuq il-post u jara kif għandu jitneħħa l-perikolu.

Din il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schmebri li kien ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Perit kien ikkonkluda li:

‘Dwar mis-soqfa tal-fond 167, Atocia, Hamrun jirriżulta ċar u manifest li dawn huma fi stat strutturali ħażin għall-aħħar u jinħtieġ jinbidlu minnufih.

Huwa ta’ perikolu serju li wieħed jabita fil-fond 167, Triq Atocia, Hamrun in vista tal-perikolu serju li jeżisti fis-soqfa tal-ambjenti tal-istess fond.

Sabiex jitneħħa l-perikolu jinħtieġ jinqalgħu s-soqfa tal-istess fond u jinbidlu.’

Illi quddiem din il-Qorti xehed il-Perit Joseph Attard. Dan qal li kien daħal fil-post numru 167 Triq Atocia sabiex ineħħu l-perikolu li kien hemm. Huwa kein mexa mar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri u neħħa l-periklu li kien indikat fir-rapport. Kien hemm it-travi tal-injam li ma kinux f’kondizzjoni tajba u erba’ xorok maqsumin. Saru xi puntali li riedu jibqgħu fil-post sa ma titwaqqa’ l-binja. Jekk dawn il-puntali jibqgħu fil-post, dan jibqa’ safe. Kienet saret ukoll applikazzjoni għand il-MEPA sabiex il-post jitwaqqa’ u jitla’ ieħor ġdid.

Xehdet ukoll Dolores Anna Zahra li hija inkwilin talpost li qiegħed taħt il-bini msemmi. Meta mar il-perit hija ma kenitx fetħet il-ħanut. Hija kienet semgħet il-ħoss tax-xriek jaqa'.

Il-Qorti rat il-verbal tat-2 ta' Mejju 2013 fejn ordnat komunika lill-Perit Valerio Schembri sabeix jaċċedi fuq il-post 167, Triq Atocia, Hamrun li fuqu kien diġa' sar rapport sabeix jara jekk kinux saru x-xogħiljiet.

Fl-4 t'Ottubru, 2013 xehed bil-ġurament il-Perit Valerio Schembri. Huwa qal li kien ordna li jisr l-ippuntiljar. Meta kien aċċeda kien sab is-saqaf f'qagħda prekarja. Meta mar fuq il-post għat-tieni darba, wara l-ordni tal-Qorti, il-post ta' fuq kien ippuntiljat b'mod li kien safe.

Fil-jum li kien qed jixhed il-Perit għadda minn ħdejn dan il-post u kien tiela' post ġdid. Il-fond l-antik m'għadux jeżisti. Il-perikolu issa tneħħa għal kollox.

Konsiderazzjoni ulterjuri

Mill-provi – kemm mill-affidavits kif ukoll mix-xhieda - jirriżulta li kien hemm perikolu serju fil-post indikat. Mill-atti jidher li kien jgħix fil-post James Ernest Collings waħdu minħabba li Angela Collings kienet tgħix mat-tifla. Iżda dan id-dettall ma jeżonerax lil Angela Collings mill-ħtija għaliex kulħadd huwa marbut li jieħu ħsieb il-propjeta' li tagħha huwa responsabbli ukoll jekk ma jibqax joqgħod fiha.

Minn kif xehed il-Perit Valerio Schembri jidher li l-periklu issa spiċċa għal kollox.

Fil-każ tal-appell intavolat minn James Ernest Collings, it-talba hija limitata sabiex il-Qorti tagħti aktar żmien mill-ġimagħtejn li kienet tat l-Ewwel Qorti sabiex jitneħħa l-inkonvenjent. L-aggravju ta' dan l-appell kien li ġimagħtejn huma ftit wisq.

Bir-rispett kollu meta jkun hemm periklu serju bħal dan, il-Qorti ma tistax tagħti ħafna żmien sabiex jitneħħa.

Biss illum dan l-aggravju huwa sorvolat ġaladarba issa tiela' bini ġdid.

Għar-rigward tal-aggravju ta' Angela Collings, il-Qorti tirrefer għal dak li qalet aktar 'il fuq dwar ir-responsabilita' li għandu kull sid ta' dar li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha. Dwar l-aggravju li l-appellanti ħtieġet aktar żmien, il-Qorti tirreferi għal dak li diġa' qalet f'dan ir-rigward hija u tqis l-appell ta' James Ernest Collings.

## Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Ġunju 2012 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat liż-żewġ appellanti mill-ewwel imputazzjoni, fejn sabithom ħatja tat-tieni akkuża u fejn ċanfret liż-żewġ akkużati iżda ġaladarba ttneħħa l-periklu għal kollox qed tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti kienet ordnat li jitneħħa l-perikolu fi żmien ġimagħtejn taħt penali ta' €10 kull jum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------